**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru KAX 35-2017**

**21 ta' Frar 2017**

Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Iċ-*Chairperson,* is-Sur Mark Busuttil ippresjeda l-laqgħa.

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

35.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li s-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* talbet li tkun skużata minħabba li kienet ma tiflaħx u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.2.1 Il-Kumitat għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri KAX 33-2016 u KAX 34-2017 u l-Minuti tal-Laqgħa Pubblika Annwali numru LPA/02/2017 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kumitat u ġew iffirmati miċ-*Chairperson* u s-Segretarju Eżekuttiv.

**35.3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

35.3.1 Iċ-*Chairperson* għal darba oħra semma l-moll peress li huwa f'kundizzjoni ħażina ħafna u qed dejjem jaqgħu l-partijiet minnu. Is-Sindku rrimarkat li l-Ministeru għal Għawdex jaf bil-kundizzjoni tal-moll.

Iċ-*Chairperson* semma l-problema tal-borża s-sewda li tinġabar kull nhar ta' Tnejn u Sibt. Ir-residenti qed joħorġu l-boroż is-suwed f'kull ġurnata iżda tal-anqas fil-*weekend* qed ikun hemm nadif għax issir il-ġabra s-Sibt.

Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li xi *divers* fix-Xlendi organizzaw tindif tal-qiegħ tal-baħar tax-Xlendi. Huma ngħataw l-arja u l-għajnuna meħtieġa mid-*diving schools* tax-Xlendi.

**35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri**

35.4.1 Il-membri ma staqsew l-ebda mistoqsija u għaldaqstant ma kienx hemm tweġibiet.

**35.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

35.5.1 Is-Sindku semmiet dwar ilment li rċeviet li fi Triq iż-Żirżieb qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Hija diġà waħħlet xi avviżi mal-ħitan, iżda r-residenti ma humiex jikkoperaw.

**35.6 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

35.6.1 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq it-Torri fejn qed jilmenta li xi sajjied qed ikun jistad fuq il-blat u qed juża *generator* żgħir għad-dawl. Huwa qal li l-ħsejjes huma inaċċettabbli. Il-Kumitat ħa nota dwar dan.

35.6.2 Il-Kumitat irċieva kopja ta' ittra li l-Awtorità tal-Ippjanar bagħtet lill-Perit Herman Bonnici rigward l-applikazzjoni sabiex it-Torri tax-Xlendi jiġi restawrat. Il-perit ser jieħu azzjoni dwar dan.

35.6.3 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand Ms Mariella Silvio, Legal Officer fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-istemma tax-Xlendi. Qed tintalab konferma mill-Kumitat li qed jaqbel mal-istemma proposta biex ikun hemm approvazzjoni mill-Ministru. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

35.6.4 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarja Kumitat l-Għid f'Għawdex 2017. Qegħdin jiġbru informazzjoni tal-attivitajiet tal-Għid li ser isiru madwar Għawdex kollu sabiex ikunu inklużi fil-ktejjeb 'L-Għid f'Għawdex 2017'.

35.6.5 Il-Kumitat irċieva talba sabiex parti minn bankina fi Triq ir-Ranċiż li hija miksura, titranġa. Din tranġat mill-ħaddiema tal-Kunsill.

35.6.6 Ix-xogħol fil-passaġġ tax-Xlendi tlesta u diġà tkejjel mill-perit. Il-perit ser joħroġ il-kont u wara li l-kuntrattur jitħallas, il-Kumitat jitlob rifuzzjoni mill-UIF (*Urban Improvment Funds*).

35.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Kumitat dwar jekk hemmx il-ħsieb li jerġa' jitwaħħal il-festun fil-passaġġ tax-Xlendi għax-xhur tas-sajf. Huwa qed isaqsi sabiex jekk dan ser jerġa' jitwaħħal mal-fanali, iridu jsiru *poles* tal-ħadid bejn kull fanal sabiex il-festun jibqa' stirat u l-pubbliku ma jkunx jista' jilħaq il-bozoz għax is-sajf li għadda hekk kien ġara. Dawn il-*poles* ser isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

35.6.8 It-Taqsima tal-Kultura infurmat lill-Kumitat li għas-sajf 2017, kien ser jerġa' jsir il-*festival* taċ-ċeramika fil-5 t'Awwissu 2017. Il-Ministeru għal Għawdex ser iħallas għall-Fjakkolata sa €1,500. Għaldaqstant, il-Kumitat irid iħallas għall-kumplament tal-attivitajiet li jsiru fix-Xlendi.

**35.7 Estimi Annwali 2017**

35.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2017. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2017 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi se tkun ta' €242,861.36. Dan ifisser li ser ikun hemm żieda ta' €19,800.

**35.8 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2017**

35.8.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fil-Lukanda St. Patrick's, Ix-Xlendi, Għawdex nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar 2017 fis-6 ta' filgħaxija. Għal din il-laqgħa kienu mistednin il-membri kollha, is-Sindku tal-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar.

Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil – *Chairperson* u s-Sur Saviour Xiberras – Membru. Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3) kien hemm is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* li talbet li tkun skużata għaliex ma kinetx tiflaħ. Assenti kien hemm is-Sinjura Joselle Camilleri – Membru. Uffiċjal Preżenti kien hemm is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv. Pubbliku preżenti kien hemm ħamsa (5).

Iċ-*Chairperson,* is-Sur Mark Busuttil ippresjeda l-laqgħa.

Iċ-*Chairperson* elenka x-xogħlijiet li saru matul is-sena 2016. Huwa spjega fid-dettall ix-xogħlijiet li qed iwettaq il-Kumitat.

Bħala *budget* għas-sena 2017 u l-pjanijiet tal-proġetti, din is-sena ser ikun hemm żieda ta' kważi €8,000 u proġetti immedjati huma l-bdil tal-lanterni tax-xtajta ma' dawk LED's, xiri ta' *litterbins* u jinbidlu s-siġar tal-bruk li mietu fi Triq il-Kantra. Ser isir programm ta' *entertainment* fix-Xlendi għas-sajf 2017.

Bħala suġġerimenti, ilmenti u kumplimenti mill-pubbliku preżenti kien hemm ilmenti rigward boroż taż-żibel suwed li mhux jinġabru u qed jitħallew fit-toroq. Il-Kumitat ippropona illi barra l-ġbir li qed isir preżentament li huwa: skart organiku jinġabar nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa, skart imħallat jinġabar nhar ta' Tnejn u Sibt filwaqt li skart riċiklabbli jinġabar nhar ta' Tlieta, jibda jinġabar skart imħallat ukoll nhar ta' Ħamis minn April sa Ottubru u nhar ta' Ħadd u nhar ta' Tlieta minn Lulju sa Settembru.
Is-siġar tal-bruk tal-*pots* ta' Triq il-Kantra li kien hemm mietu mhux għaliex ma ssaqqewx iżda l-problema hija għaliex dawn is-siġar inqalgħu mill-art u tpoġġew ġo *pot* f'Awwissu. Is-siġar il-mejta ser jinbidlu ma' oħrajn.
Xi lampi ta' triq fi Triq il-Kantra huma maħruqa u l-Kumitat ser jirrapportahom.
Kien hemm ilment li t-tiżjin tal-Milied għadu jixgħel sal-ġurnata tal-lum.
Ġie mfaħħar il-passaġġ li sar max-xtajta.

Il-Minuti ta' din il-laqgħa ġew iffirmati.

**35.9 Xogħlijiet u Proġetti fix-Xlendi**

35.9.1 Ser isir il-bdil tal-lanterni tax-xtajta ma' dawk LED's, xiri ta' *litterbins* u jinbidlu s-siġar tal-bruk li mietu fi Triq il-Kantra. Ser isir programm ta' *entertainment* fix-Xlendi għas-sajf 2017 u ser jiġu rrapportati dawk il-lampi tat-triq li huma maħruqa fi Triq il-Kantra.

**35.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-21 ta' Marzu 2017 u fil-5 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 21 ta' Marzu, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Mark Busuttil<br>*Chairperson* | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |